MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 438/2003

**Mary Ann Sheikh**

**vs**

**Quentin Joe Grima**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar, 2003 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici somma likwidata minn dan it-Tribunal rapprezentanti dan li hija sofriet fl-incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Dicembru, 2002 gewwa Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar, fejn il-konvenut huwa u jsuq il-vettura EAK 616, habat fil-vettura ta' l-attrici AAO 559, liema ncident gara unikament b'responsabbilta' tal-konvenut minhabba imperizja,**

**negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 14 ta' Frar, 2003 u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta' April, 2003, li fiha ntqal:**

**1. Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, l-pretensjonijiet u talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li l-incident stradali "de quo" sehh unikament tort tas-sewwieq l-iehor;**
**2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut ma kkawzax il-hsara allegata tant illi kienet il-vettura l-ohra illi giet misjuqa fuq il-korsija opposta kontra d-direzzjoni tat-traffiku, u dan unikament b'responsabbilta' ta' l-attrici minhabba imperizja, negligenza, u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**
**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Mary Ann Sheikh, Anne Elgar, Quentin Joe Grima u Joseph Grima. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Dicembru, 2002 fi Triq l-Alka San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura ta' l-attrici numru AAO 559 u dik tal-konvenut EAK 616.**
**2. L-attrici qalet illi fil-lok fejn gara l-incident bilfors wiehed irid isuq ghan-nofs tat-triq minhabba vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat.**
**3. L-attrici kienet miexja fid-direzzjoni ta' Bugibba, filwaqt illi l-konvenut kien hiereg minn Triq l-Alka.**
**4. Jirrizulta illi Triq l-Alka ghandha Stop Sign sabiex wiehed jieqaf qabel ma johrog ghal go Triq il-**

**Kahli. Dana l-istop sign qieghed f'linja ma' Triq il-Kahli.**

**5. Jirrizulta li l-attrici zammet brake u hemm il-brake marks kif indikat fl-isketch.**

**6. L-attrici ntlaqtet fuq in-naha tal-lemin fil-genb.**

**7. Ann Elgar, xhud indipendenti rat l-incident isehh. Hi xehdet hekk : »rajt karozza hierga minn Alka Street. Dan naqqas fil-velocita' pero' ma waqqafx. Kien hemm karozzi pparkjati fuq iz-zewg gnub u bil-fors kellha ssuq f'nofs it-triq u habtu. » rilevanti li din ix-xhud tikkonferma li l-attrici kienet tiela' b'velocita' normali.**

**8. Kif ripetutament ritenut mill-Qrati taghna : » il-fatt li driver ikun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq, kif iridu r-regolamenti, fuq il-crown of the road, mhux deciziv ghas-soluzzjoni ta' kwistjoni dwar liema driver huwa l-htija ta' kollizzjoni li tigri. Id-driver li jkun diehel minn « side road » ghal go « main road » ghandu certu doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-« main road » qabel johrog fiha, u dak li jmexxi « dead slow », sahansitra jwaqqaf, biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-« main road user » ghandu wkoll joqghod attent fil-« cross roads » ; imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lis-« side road user » hu ferm akbar. Jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-«side road user», li bl-ghemil tieghu rrenda l-kollizzjoni inevitabbli, il-«main road user», ma ghandu ebda tort fil-kollizzjoni, avolja hu kien qieghed isuq il-karozza fuq il-«crown of the road », minflok fuq ix-xellug tat-triq kif jippreskrivu r-regolamenti ( Vol XXX.VII-iv-1137).**

**9. F'dan il-kaz mix-xhieda indipendenti ma hemmx dubbju illi l-attrici ma kellhiex alternattiva hlief li ssuq ghan-nofs tat-triq. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kellu stop sign peress li kien hiereg minn go side road, u kellu l-obbligu li jieqaf, haga li jirrizulta li ma ghamilx u b'hekk ikkrea ostakolu ghall-attrici u rrenda l-kollizzjoni inevitabbli. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandu jigi ritenut responsabbli l-konvenut.**

**10. Bhala danni ma gewx esebiti ricevuti, pero' hemm stima a fol 19 tal-process li tindika li d-danni kienu jammontaw ghal tlett mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm335).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti biss il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici fis-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm335), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm335).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-14 ta' Frar 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------